# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 21 ta' Marzu 2001

Citazzjoni numru 592/99 AJM

Kawza numru

Ocean Way Company Limited

Vs

L'Onda Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-11 ta' Marzu 1999 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi s-socjeta' konvenuta hi debitrici taghha fl-ammont ta' erbat elef tmien mija u hames liri maltin (LM4,805.00) rappresentanti ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici wara li din hallset fuq talba tas-socjeta' konvenuta diversi ammonti ghan-nom taghha u wara li s-socjeta' attrici avvanzat flus lis-socjeta attrici (recte konvenuta); illi dan id-debitu huwa cert likwidu u skadut u l-attur nomine qieghed jippresenta ma' din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond l-artikolu 167 (1) tal-Kap 12

tal-Ligijiet ta' Malta; illi avolja interpellata sabiex thallas dan l-ammont is-socjeta' konvenuta ma hallset xejn; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddecidi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;
2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas LM4,805 dovut wara li s-socjeta' attrici, fuq talba tas-socjeta' konvenuta hallset ammonti ghan-nom taghha u selfet ammont lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid ppresentat kontestwalment u bl-imghax legali.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Gunju 1999 meta l-konvenut inghata l-fakolta' li jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fit-30 ta' Gunju 1999 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li m'hu dovut ebda ammont mis-socjeta' konvenuta u kwalunkwe ammont li setghet hallset is-socjeta' attrici lill-terzi halsitu ghaliex hekk kellha taghmel skond l-obbligi li hi stess assumiet.
2. Illi s-socjeta' konvenuta ma sselfet ebda ammonti minghand is-socjeta' attrici kif l-istess socjeta' attrici qed tallega fit-tieni talba taghha u ghalhekk l-eccipjenti mhix debitrici taghha fl-ammonti hemm indikati.

3. Illi s-socjeta' konvenuta lanqas biss giet interpellata biex thallas l-ammonti pretizi mis-socjeta' attrici u ghalhekk m'ghandhiex tbati spejjes.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' konvenuta.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti. Osservat li l-partijiet naqsu li jippresentaw noti ta' osservazzjonijiet ghalkemm fl-udjenza tas-26 ta' Gunju 2000 kienu talbu li l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza bil-fakolta' tan-noti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B'kuntratt tal-25 ta' Awissu 1997 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri, is-socjeta' attrici bieghet u ttrasferiet a favur is-socjeta' konvenuta L'Onda Ltd l-lanca jisimha La Onda, licenzjata mal-Fisheries Department bl-ittra "F" numru mitejn u disgha u disghin u bin-numru ufficjali mal-Maritime Authority 5426, inkluzi l-magna Kelvin U.K. tal-1978, radijiet VHF u SSV bil-"call sign" disgha ittra 'H' hamsa sebgha erbgha sitta u komprizi fl-istess bejgh il-wincijiet, xbieki, depth finder u taghmir iehor kif indikat fuq id-dokument anness mal-kuntratt ta' bejgh.

Fuq dan il-bejgh, li sar bil-prezz ta' LM40,000, gie dikjarat mil-kompratur "*li jinsab sodisfatt mill-kondizzjoni tal-lancja*" fil-waqt li l-venditur iddikjara li "*il-magna u l-ingenji huma f'kondizzjoni li jahdmu normali, fair wear and tear accepted.*"

Gara li xi zmien wara l-bejgh din il-lanca kellha bzonn xi xogholijiet fis-shaft u l-gear box u sussegwentement, wara ispezzjoni tal-“hull” gewwa “cantieri” f’Licata, l-Italia, instabb ukoll li kienu jehtiegu tiswijiet estensivi sabiex l-lanca tkun "seaworthy". Kien ghalhekk li s-socjeta’ attrici ghamlet diversi versamenti fl-interess tal-lanca sabiex dina tissewwa u anke hallset spejjes ohra koncernanti l-licenzji mahruga mill-awtoritajiet governativi. Inoltre l-istess socjeta’ attrici ipprovdiet lis-socjeta’ konvenuta xibka tas-sajd gdida. B’kollox s-socjeta’ attrici tghid li vversat is-somma komplessiva ta’ erbghat elef tmien mija u hames liri (LM4,805.00). B’dawn il-proceduri s-socjeta’ attrici qeghdha titlob rimbors ta’ dawn l-ispejjes jew avvanzi li hija tghid li saru fuq talba tas-socjeta’ konvenuta u akkont u fl-interess taghha.

F’dawn il-proceduri, ghalkemm jissemma hafna mill-konvenuti, l-fatt tad-difetti “*latenti*” fil-lanca trasferita, din il-Qorti mhijiex kkoncernata bl-effetti legali ta’ dan l-aspett tal-kwistjoni bejn il-kontendenti billi din mhux azzjoni ezercitata mill-akkwirent a termini ta’ l-artikolu 1427 tal-Kap 16 fejn x-xerrej jista’ jew ihassar il-bejgh jew jaghzel li jzomm l-haga trasferita billi jitlob rifuzjoni ta’ parti mill-prezz. Ghalhekk proprjament l-garanziji u dikjarazzjonijiet li saru fil-kuntratt ta’ trasferiment kif fuq citati, ghandhom rilevanza ghas-soluzjoni tal-kawza biss bil-mod kif sejjer jinghad hawn taht.

Mill-fattispecie tal-kaz jidher li dan jirrizolvi ruhu fuq semplici apprezzament tal-provi dwar jekk l-ammont indikat fic-citazzjoni u reklamat mis-socjeta’ attrici kienx jammonta ghal self pur u semplici minn din is-socjeta’ lis-socjeta’ konvenuta’, jew jekk, kif qed jigi allegat mis-socjeta’ konvenuta, dawn l-avvanzi ma kienu xejn hlief rikonoxximent da parti tas-socjeta’ attrici tal-htiega li jsiru tiswijiet

fil-haga trasferita u li ghalhekk, l-istess socjeta' attrici, accettat li taghmel dawn il-pagamenti hija stess, pure wara talba tas-socjeta' konvenuta, billi hekk kien jehtieg.

Tenut kont ta' dan il-Qorti trid mil-ewwel taghmel distinzjoni bejn id-diversi partiti indikati fid-dokument AM1 (fol 49) ezebit mill-attur li jelenka id-diversi hlasijiet, avvanzi jew krediti li, flimkien, jammontaw ghas-somma reklamata fic-citazzjoni. F'dan id-dokument insibu li hemm certi hlasijiet li ma jikkoncernaw xejn l-allegati difetti fil-lanca. Insibu taht dan il-kap l-hlasijiet li saru ghat-tigdid tal-licenzji lid-dipartiment tas-Sahha – LM10; lid-dipartiment tal-Wireless & Telegraphy – LM75; Port dues lil-Maritime Authority – LM20; hlas ghall-'*extension*' lill-istess awtorita' Marittima – LM20; u fl-ahharnett insibu is-somma ta' LM1274 rappresentanti prezz ta' xibka li x-xhud George Zammit (fol 26) qal li giet provduta lis-socjeta' konvenuta wara li diretturi ta' l-istess socjeta' qalu li kienu tilfu taghhom. B'kollox dawn il-partiti jlahqu s-somma ta' elf tlett mija disgha u disghin lira (LM1399.00).

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-ammont ma jista' qatt isib konfort fl-eccezzjoni tal-konvenuti billi certament mhux relatat mal-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti dwar it-tiswijiet necessitati minhabba hsarat fil-lanca. Il-provista ta' xibka gdida biex tirrimpjazza dik mitlufa mis-socjeta' konvenuta jammonta ghal negozju gdid li jimmerita hlas. Fir-rigward tal-partiti rappresentanti hlasijiet tal-licenzji li saru mis-socjeta' attrici wara li sar it-trasferiment tal-lanca lis-socjeta' konvenuta, jigi osservat li hekk kif sar il-kuntratt ta' trasferiment, indipendentement mill-kondizzjoni tal-lanca jew ta' kwalunkwe ilment tas-sidien il-godda, jew kull dritt spettanti lilhom a termini ta' l-artikolu 1427 tal-Kap 16, kien jinkombi fuqhom l-obbligu li jhallsu ghal dawn il-licenzji. U jekk

il-konvenuti deherilhom li l-lanca ma kienetx registrabbli u ghalhekk l-licenzji mhux dovuti, kellhom jipprocedu skond it-termini ta' l-artikolu 217 et sequitur tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta. Fic-cirkostanzi n-nuqqas ta' azzjoni da parti tal-konvenuti, ma jippermetti ebda alternattiva hlief dak ta' hlas minnhom tal-licenzji bhala sidien godda tal-lanca.

Ghalhekk l-ammont ta' elf tlett  mija u disgha u disghin lira (LM1,399.00) huwa certament dovut lis-socjeta' attrici.

Il-kwistjoni rimanenti tikkoncerna spejjes inkorsi sabiex l-lanca tissewwa inkluzi spejjes ghal-tragit l-Italia. Dan il-kreditu jammonta ghas-somma komplessiva ta' tlett elef erbgha mija u sitt liri maltin (LM3,406.00) maghmula minn pagamenti mhallsa lil Pelican Engineering Works ghal xogholijiet fuq is-shaft u l-gera box fl-ammont ta' LM960; hlasijiet ghall-biljetti tal-ajru ghall-vjagg l-Italia fejn kienet tinstab il-lanca, fl-ammont ta' LM79; l-ammont ta' LM50 prezz ta' zebgha li giet applikata fuq il-lanca waqt li din kienet Licata; u avvanz ta' ghaxar miljun liri taljani (ekwivalenti ghal LM2317.00) li s-socjeta' attrici ghamlet f'pagamenti lil Giuseppe Incorvaia, sid il-Cantieri f'Licata, Italia, fejn issewwiet il-lanca in kwistjoni.

George Zammit, prodott mis-socjeta' attrici, f'dan ir-rigward xhed illi fil-kuntratt ta' bejgh il-kompratur iddikjara li jinsab sodisfatt mill-kondizzjoni tal-lanca u li din bdiet tintuza mis-socjeta' konvenuta wara li sar it-trasferiment. Izda, kompla dan ix-xhud, Censu Grixti u Toni Galea, diretturi tas-socjeta' konvenuta, kienu jmorru ghandu u jitolbuh biex jhallas xi affarijiet peress li ma kellhomx flus u dawn dejjem iweghduh li jhallsu lura kollox anke bl-imghax. Peress li huwa kien jaf li

qed jahdmu u jaqbdu l-hut, bl-isperanza li jonoraw l-pagamenti dovuti skond il-kuntratt, accetta li jghinhom, izda dejjem bl-obbligu tar-radd lura. Toni Galea kien ukoll qallu li kienu qed igemmaw biex jmorru Licata halli jaghmlu xi alterazzjonijiet. Darba minnhom Censu Grixti kien talbu biex ihallas biljetti ta' l-ajru biex imur Licata u rega weghdu li ser jhallsu.

Ix-xhud kompla hekk: "Grixti u Galea infurmawni li wara li marru xi tlett darbiet Sqallija bil-lanca u wara li kienu hadmu biha qaluli li kellhom gear box bil-hsara. Talbuni ghajnuna ghaliex kienu jghiduli li kien zmien ghax-xoghol. Jien, dejjem bl-isperanza li fl-ahhar ihalsuni ta' kollox, kont avvanzajt il-flus ta' LM960 lil Pelican Engineering Works tal-Marsa. Dejjem bil-ftehim li mbaghad ihalsuni." F'okkazzjoni ohra kompla x-xhud "qaluli li kellhom spejjes minhabba xoghol li ghamlu fuq il-lanca f'Licata. Talbuni 10 millioni Liri Taliani, qaluli li se jaghtuhomli lura "cash"; Toni Galea kien jghidli li se jbiegh xi bicca art ir-Rabat u li s-socjeta' konvenuta kienet se thallas l-kambjalijiet kollox f'daqqa."

Mis-socjeta' attrici tressqu ukoll Albert Coppini, general manager tas-socjeta'. Dan ma kienx ikun involut fid-diskussjonijiet bejn il-kontendenti, izda minhabba il-presenza tieghu fl-istess kamra fejn kienu jsiru t-trattativi qal li kien jisma lid-diretturi tas-socjeta' konvenuta jitolbu lil Joe Zammit, direttur tas-socjeta' attrici, biex jghinhom ghax kienu ghadhom kemm bdew bil-business u dwar l-avvanzi li s-socjeta' kienet taghmel qal li kien jismghahom jghidu li ser jhallsuh lura bl-imghax. Huwa xhed ukoll li kien jaf li l-konvenuti kienu qeghdin jaghmlu uzu mil-lanca u li kien biss fl-ahhar li dawn ilmentaw li din kienet difettuza.

Ix-xhud Hugh Attard Montaldo, accountant tas-socjeta’ attrici, xhed li kien presenti waqt laqa’ li Joe Zammit kellu ma’ Grixti u Galea. F’dik l-okkazzjoni dawn kienu gew infurmati bl-ispejjes li l-kumpanija attrici kienet ghamlet akkont taghhom. Ix-xhud kompla jghid li l-konvenuti ma kkontestawx d-debitu izda talbu “extended credit” ghal dawn l-avvanzi.

B’kuntrast ma din ix-xhieda prodotta mis-socjeta’ attrici xhedu Vincent Grixti u Anthony Galea, diretturi tas-socjeta’ konvenuta u gie prodott ukoll mill-istess konvenut ix-xhud William Trevisan, sid il-work shop maghruf bhala Pelican Engineering Works fejn saru t-tiswijiet fuq is-shaft u l-gear box tal-lanca.

Vincent Grixti beda biex cahad kategorikament li s-socjeta’ konvenuta isselfet flus minghand l-attur u kompla billi qal li “*il-flus li huma hargu harguhom biex ihallsu spejjes tal-hsarat li kien hemm fiha il-lanca meta xtrajniha minghandhom.”* U kompla *“Inzid nghid li Ocean Way Company Limited kellha ukoll taghmel tajjeb biex tittranga l-pruwa tad-dghajsa wara li irrizulta li kien hemm hsara fiha wara li konna hadniha gewwa Oceanica Naval Cantiere Scalo D’Allaggio”.* Dan ix-xhud qal li fil-11 ta’ Ottubru 1998 huwa kien tela, flimkien ma George Zammit, l-Italia fejn kienet il-lanca. Meta marru l-cantiere gew infurmati mis-sid li din kellha bzonn tiswijiet urgenti ta’ natura temporanja ghax inkella l-ufficjali tal-port ma kienux jippermettu li din tinzel il-bahar. Dan qalilhom ukoll li l-prezz ghal dan ix-xoghol kien ta’ Lit10,000,000. Ix-xhud jghid li George Zammit accetta li jhallas kif effettivament ghamel.

Grixti zied jghid li meta l-lanca giet Malta qamet il-kwistjoni ta’ xogholijiet ta’ tiswija fil-prim u li George Zammit kien accetta li

jaghmilhom u anke ssugerixxa li ssir irdublatura tal-prim bil-hadid. Effettivament dan ix-xoghol qatt ma sar.

Anthony Galea, direttur tas-socjeta’ konvenuta, xhed li ftit ta’ zmien wara l-akkwist tal-lanca kienu indunaw li kien hemm xi hsara fil-gear box. George Zammit gie infurmat izda dan sostna li din il-hsara kienet biss kwistjoni ta’ settings. Eventwalment ftehmu li l-lanca tittiehed ghand mechanic certu Trevisan tal-Marsa li kien jahdem ghas-socjeta’ attrici. Dan Trevisan qal lix-xhud li kien jinteressah min kien ser jhallas tax-xoghol u George Zammit accetta li jaghmel tajjeb u fil-fatt il-kont gie indirizzat lilu u thallas.

Sussegwentement, jghid ix-xhud Galea, kellhom itellaw l-lanca l-art biex jizbghuha u jiccekkjawha *“skond il-ftehim li ghamilna ma Ocean Way Company Limited”.* Billi l-ispiza Malta kienet eccessiva iddecidew li jiehud l-lanca Licata ghand Oceanica Naval Cantieri. Ghalkemm ix-xhud ma kienx presenti l-Italia gie rapportat lis-socjeta’ konvenuta li sid il-cantiere kien qal li kien hemm difetti fil-lanca billi l-pruwa kellha tinbidel u l-lanca ma kienetx f’posizzjoni li tbahhar fl-istat li kienet fiha. Din l-informazzjoni giet komunikata lil George Zammit li ddecida jitla l-Italia biex jara hu stess u tela mieghu Vincent Grixti. L-ispejjes tal-vjagg hallashom Zammit.

Dwar it-tiswija fil-gear box ix-xhud Trevisan qal li huwa gie avvicinat mill-konvenuti biex jsir xoghol fuq il-lanca. Wara li saret l-istima ta’ dan ix-xoghol huwa kien ikkomunika ma George Zammit tas-socjeta’ attrici li tah il-“go ahead” biex jaghmel ix-xogholijiet. Finalment l-invoice giet indirizzata lil dan Zammit ghan-nom tal-Ocean Way Limited u thallas l-ammont ta’ LM960 skond ricevuta a fol 54 tal-process.

Ikkunsidrat:-

Mil-kumpless tal-provi fuq riportati jidher accertat li ftit taz-zmien wara li sar il-bejgh tal-lanca in kwistjoni rrizulta mhux biss li din kellha hsara fil-gearbox li kienet tinnecessita spiza konsiderevoli, izda li ukoll l-"hull" ma kienx fi stat tajjeb tant hu hekk li giet dikjarata bhala mhux tajba biex tbahhar, u li spiza ghal tiswijiet temporanji kienet tlahhaq is-somma ta' Lit10,000,000 u dan apparti xogholijiet li kellhom jsiru fil-prim li qatt ma saru. Dan kollu rrizulta fi zmien ta' ftit gimghat jew xhur mid-data tal-kuntratt ta' bejgh fejn l-venditur, is-socjeta' attrici, kienet iddikjarat li l-magna u l-ingenji "*huma f'kondizzjoni li jahdmu normali*" u s-socjeta' akkwirenti ddikjarat li kienet sodisfatta mill-kondizzjoni tal-lanca.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax taccetta t-tezi tas-socjeta' attrici li l-flus imhallsa minnha kienu semplicement b'titolu ta' self lis-socjeta' konvenuta biex din tigi agevolata fit-tmexxija tan-negozju taghha. Bniedem li jaghmel investiment ta' ammont sostanzjali f'lanca intenzjonata ghas-sajd ghandu jippretendi li l-akkwist tieghu jkun, bhala minimu, tajjeb ghal l-iskop li kien intenzjonat. Jekk ghalhekk ftit taz-zmien wara li sar l-akkwist rrizultaw difetti serji li nnecessitaw spejjes ingenti, mhux verosimili li l-konvenuti, li skond l-istess attur ma kellhomx fondi, kienu ser jisselfu minn ghand l-venditur biex jsewwu l-oggett li, skond l-istess kuntratt ta' akkwist, kellu jkun fi stat tajjeb. Dan l-agir, fil-fehma tal-Qorti kien jkun wiehed irragonevoli apparti li jaggrava il-posizzjoni finanzjarja taghhom. Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-ispejjes inkorsi ghar-riparazzjonijiet gew hekk inkorsi volontarjament mis-socjeta' attrici billi din irrikonoxxiet l-obbligi taghha vis-a-vis l-akkwirent tal-lanca. Din il-fehma hija msahha mill-mod kif

is-socjeta’ attrici dahlet responsabbli u hallset bla tlaqliq ta’ xejn ammonti konsiderevoli minghajr ma hadet prekawzjonijiet fir-rigward tar-restituzzjoni tal-ammonti hekk imhallsa. Ta’ min josserva li fil-kuntratt ta’ bejgh l-istess socjeta’ attrici mhux biss iggarantit il-hlas lilha tal-bilanc tal-prezz permezz ta' kambjalijiet, izda ukoll billi otteniet garanziji personali minn terzi persuni b’ipoteki specjali fuq proprjeta’ immobiljari.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi tiddikjara lis-socjeta’ attrici kreditrici tas-socjeta’ konvenuta limitatament fis-somma ta’ elf tlett mija disgha u disghin lira maltin (LM1399.00) ghar-ragunijiet u ghall-krediti fuq imsemmija u tichad it-talba tas-socjeta’ attrici ghar-rimanenti ammont ta’ tlett elef erbgha mija u sitt liri maltin (LM3,406.00).

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-terza parti mill-konvenuti u zewg terzi mill-atturi.

Onor Imhallef Albert J. Magri